**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**<u>Seduta ta' nhar il-Gimgha 14 ta' Jannar 2022</u>**

**<u>Rikors nru: 535/2021AGV  :</u>**

**AB u CDE**

**VS**

**X**

**Rikors Kongunt ta' AB** u **CDE** fejn esponew bir-rispett u bil-gurament taghhom kkonfermaw:-

Illi l-esponenti zzewwgu nhar il-31 ta' Mejju 2014, skond kif jidher mill-Att taz-Zwieg relattiv illi kopja tieghu qed tigi hawn annessa, esebita u mmarkata bhala **Dok. A**;

Illi miz-zwieg bejn l-esponenti ma twildux tfal;

Illi z-zwieg bejn l-esponenti sfaxxa u tkisser irremedjabbilment, u dan minhabba ragunijiet rikonoxxuti mil-Ligi, u effettivament huma ilhom isseparati *de facto*, sa minn 1 ta' Ottubru 2016, b'dan illi huwa sodisfatt ir-rekwizit ta' l-**Artikolu 66B(a)** tal-**Kap. 16** tal-**Ligijiet ta' Malta**;

Illi llum-il gurnata, l-esponenti jghixu hajja totalment separata minn xulxin bhal ma ilhom sa minn 1 ta' Ottubru 2016 u ghalhekk ma ghad hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghar-rikonciljazzjoni bejniethom. B'hekk huwa sodisfatt ukoll ir-rekwizit ta' l-**Artikolu 66B(c)** tal-**Kap. 16** tal-**Ligijiet ta' Malta**;

Illi l-esponenti lahqu ftehim bejniethom dwar kull aspett ghas-separazzjoni personali taghhom, u l-abbozz ta' kuntratt relattiv jinsab hawn anness, esebit u mmarkat bhala **Dok. B;**

Illi permezz tal-Kuntratt ta' Separazzjoni Personali taghhom [**Dok. B**], il-partijiet ftehmu permezz tal-klawsola 2 li iz-zewg partijiet jiddekadu ghad-dritt illi jircievu manteniment minghand xulxin;

Illi ghalhekk isegwi illi f'dan il-kaz huma sodisfatti l-kriterji kollha mehtiega mil-Ligi sabiex jigi pronuzjat il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.

Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:-

1. Tiddikjara l-hall taz-zwieg iccelebrat bejn il-partijiet nhar il-31 ta' Mejju 2014 ai termini ta' l-**Artikolu 66D(2)** tal-**Kap. 16** tal-**Ligijiet ta' Malta;** u

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex entro t-terminu ffissat minn dina l-Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-pronunzja ta' hall taz-zwieg ossia d-divorzju bejn il-partijiet, sabiex dana jigi registrat fir-Registru Pubbliku ai termini ta' l-**Artikolu 66A(4)** tal-**Kap. 16** tal-**Ligijiet ta' Malta**.

Rat li l-partijiet taw ruhhom b'notifikati bl-avviz tas-smigh.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**

**Imhallef**

**Cettina Gauci**

**Dep Reg**